DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR180979** **04.05.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Inawgurata wirja artistika "Fid-Dell tal-Ħitan"***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia inawgura wirja artistika ġewwa l-Parlament bl-isem "Fid-Dell tal-Ħitan" ta' Raymond D. Agius u Stephen C. Spiteri.

Fid-diskors tiegħu l-Ispeaker saħaq fuq l-importanza li nħarsu l-ambjent tal-gżejjer Maltin, jiġifieri l-paesaġġ naturali kif ukoll bini storiku li mal-medda taż-żmien, sar sinonimu mal-ambjent naturali, storiku urban u marittimu ta' Malta u Għawdex.

L-Ispeaker appella sabiex l-awtoritajiet kkonċernati jwettqu xogħol ta' tiswijiet u restawr tul il-linja tad-difiża magħrufa bħala l-*Victoria Lines* sabiex b'hekk jitgawdew minn dawk li għadd iridu jiġu warajna.

Il-pubbliku huwa mistieden sabiex iżur din il-wirja fil-Parlament ta' Malta, sal-Ħadd, 27 ta' Mejju 2018, matul il-ġranet tal-ġimgħa bejn id-09.00 ta' filgħodu u l-17.00 ta' wara nofsinhar, fil-Ħdud u l-Festi, bejn id-09.00 ta' filgħodu u n-nofsiegħa.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt